**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 197/2010**

**Illum: 13 ta' Jannar, 2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Josephine Damato**
**(ID 255981(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Josephine Damato ta' 27 sena, bint John u Mary Rose nee` Formosa, imwielda l-Pieta` fil-11 ta' Mejju 1981, residenti No. 6, Triq il-Foss, Vittoriosa, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 255981(M), kif korretti wara awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fit-12 ta' Marzu 2012[1];

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Settembru 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

[1] Ara l-verbal tas-seduta mizmuma fl-istess data, a fol. 15 u 16 tal-process.

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitix fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uza taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fit-30 ta' Settembru 2008 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specfikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2013, **PS 1243 George Polidano** xehed illi fit-30 ta' Settembru 2008, huwa kien stazzjonat ic-Centru ta' Detenzjoni, gewwa ta' Kandja. Huwa gie ordnat mill-ex-Maggur Charlie Galea sabiex flimkien ma' PC 55, huwa jmur jigbor xi affarijiet minghand certa Josephine Damato, ghal certu Nabil Belkadi. Huma marru s-Siggiewi, izda hemmhekk ma sabu lil hadd u x'hin waslu lura fic-Centru ta' Detenzjoni, ghall-habta tas-2.15 p.m., l-*orderly* ex PC 334 Alfred Bondin ghaddielu flixkun tax-*shampoo* ta' lewn blu u qallu li dan kienet gabitu Josephine Damato. Qallu wkoll li kien wassalha ragel b'vettura Skoda ta' lewn ahmar jew kannella u li Damato tatu dan il-flixkun ghal Nabil Belkadi. Ix-xhud jghid ukoll illi PC 55 u hu fethu dan il-flixkun, fl-assenza ta' Josephine Damato li kienet telqet wara li ghaddiet il-flixkun lil PC 334, u fih sab balluz zghir imgezwer fil-plastik. Jghid illi dan kien imdeffes gewwa l-likwidu fil-flixkun. Huwa nforma b'dan lill-Maggur Charlie Galea li da parti tieghu informa lill-Ispettur Dennis Theuma. Ix-xhud gharaf l-esebit Dokument DT2 bhala l-flixkun li ghamel referenza ghalih fix-xhieda tieghu u l-ballun li semma' u li kien fil-flixkun.[2]

Fl-istess seduta **PC 55 Spiridione Camilleri** xehed illi fit-30 ta' Settembru 2008 ghall-habta tas-2.15 p.m., hu u PS 1243 Polidano ircevew struzzjonijiet minghand il-Maggur Galea, li dak iz-zmien kien inkarigat mic-Centru ta' Detenzjoni, Ta' Kandja, biex imorru fil-pjazza tas-Siggiewi biex jiltaqghu ma' certa Josephine Damato, stante li din kellha xi affarijiet ghal detenut li kien jinsab fic-Centru. Ghalkemm marru fil-post indikat lilhom, huma ma sabu lil hadd u wara li stennew ghal xi ghoxrin minuta, regghu lura. Kif dahlu fil-Kwartieri, avvicinahom ex PC 334 Alfred Bondin, li kien fil-*guardroom*, u qalilhom illi ftit tal-minuti qabel, kienet marret persuna ossia Josephine Damato, u hallietlu flixkun tax-*shampoo* blu flimkien ma' xi flus kontanti ghal persuna li kienet tinsab detenuta fic-Centru. Hekk kif hu u s-Surgent fethu l-flixkun, sabu pakkett zghir tal-plastik jghum fil-wicc. Da parti taghhom, huma nfurmaw lill-Maggur Galea u gew ordnati sabiex jiehdu dan il-flixkun lill-Ispettur Dennis Theuma. Ix-xhud gharaf il-kontenut tal-esebit Dokument DT2 bhala l-pakkett forma ta' qartas zghir hafna li kien qed jghum fil-wicc tal-flixkun fl-istess esebit.[3]

---

[2] Ara x-xhieda a fol. 37 sa 39 tal-process.
[3] Ara x-xhiea a fol. 40 sa 42 tal-process.

Da parti tieghu, ix-xhud **ex PC 334 Alfred Bondin** jghid illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien xoghol bhala *orderly* max-xatba, marret Josephine Damato, ossia l-imputata odjerna, hallietlu flixkun *shampoo* blu, qaltlu li kien ghal Nabil u telqet. Huwa jghid ukoll illi jekk jiftakar sew, kienet marret f'vettura tal-ghamla Skoda, qisha kannella jew taghti fl-ahmar, ghalkemm hu ma setax jara sew lix-xufier ghax dan ipparkja barra f'distanza ta' madwar erbghin pied minn fejn kien jinsab hu gewwa kamra, fil-waqt illi l-imputata dahlet bil-mixi u halliet il-flixkun fuq il-mejda. Ix-xhud gharaf l-esebit Dokument DT2 bhala l-flixkun tax-*shampoo* li gie moghti lilu mill-imputata, liema flixkun huwa ma fethux.[4]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[5] jirrizulta s-segwenti:

1. Illi huwa nghata, ghall-analizi tieghu, *envelope* immarkat bhala S/B/611/2013 li kien fih: flixkun ta' *Suave Men Body Wash* u borza tal-plastik immarkata Dokument DT2 304 li kien fiha i) karta bil-kliem 'Data 30-9-08 Hin ____ Elevat/i minn go shampoo sachet heroin fil-presenza ta' Josephine D'amato 255981(M) minn PS 1243, PC 55 & PC 334 at ta' Kandja Detention Centre', ii) bicca plastik vojta u iii) qartas tal-plastik li fih trab ta' lewn kannella;

2. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.22 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Dennis Theuma** esebixxa zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputata, wahda nhar l-10 ta' Ottubru 2008 u l-ohra nhar it-13 ta' Ottubru 2008.

Fl-ewwel stqarrija tal-10 ta' Ottubru 2008[6], wara li nghatat is-solita twissija skont il-ligi, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, meta mistoqsija jekk kinitx qeghda taghraf il-flixkun muri lilha ossia flixkun tal-plastik ta' lewn blu tad-ditta *Suave Men Body Wash*, liema flixkun hija kienet haditu lil certu Nabil Belkadi li kien qieghed gewwa c-Centru ta' Detenzjoni, f'Ta' Kandja, hija wiegbet illi mill-qies, il-flixkun kien qisu l-istess wiehed, ghalkemm minghaliha li kien tad-ditta *Keune*. Tghid illi kien imbrembel go borza tal-plastik bajda b'ghoqda u ghalhekk ma setghetx tkun certa fuq il-kulur ghalkemm tahseb li kien skur. Tghid illi lanqas ma

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 43 sa 46 tal-process.
[5] Esebita a fol. 51 *et seq* tal-process.
[6] Esebita a fol. 29 tal-process.

kienet certa fuq id-ditta, izda l-flixkun kien jixbah hafna l-flixkun tax-*shampoo* li hija tat lill-pulizija gewwa Ta' Kandja biex jaghtih lil Nabil. Dan sehh ghall-ahhar ta' Settembru 2008. Tghid ukoll illi kienet ilha taf lil Nabil xi erba' snin u kellha seba' xhur tqala bit-tarbija tieghu. Mistoqsija kinitx hi li xtrat il-flixkun tax-*shampoo,* hija twiegeb fin-negattiv u tghid illi dan inghata lilha minn habib ta' Nabil, certu Tarek Emad, Algerin u li fil-jum in kwistjoni kien wassalha Ta' Kandja, b'vettura hamra, mudell Skoda. Kienet ghadha kif harget mill-isptar. Tispjega illi fl-ahhar ta' Settembru 2008, hija kienet rikoverata gewwa l-isptar Mater Dei minhabba kumplikazzjonijiet fit-tqala u peress illi ma kellhiex indirizz fiss, is-*social worker* taghha irrangatilha biex tibqa' fl-istess sptar. Mar l-isptar ghaliha Tarek Emad u qalilha biex taghmillu pjacir u tiehu x-*shampoo* jew *gel* lill-habib tieghu Nabil ghax skont hu, Nabil kellu bzonnu. L-istess Tarek qalilha li kellu bzonn l-ghajnuna taghha stante li ma kellux dokumenti u kien imfittex mill-pulizija u ghalhekk kien qed jibza' li jinqabad, apparti li qalilha wkoll illi kellu jaghti xi flus lil Nabil u jekk tiftakar sew, taha €12 biex tghaddihomlu. Stante li Nabil huwa missier it-tarbija taghha, hija accettat li taghmel dan u Tarek hadha gewwa Ta' Kandja biex tghaddi l-flixkun u l-flus lill-pulizija biex dawn imbaghad jghadduhom lil Nabil. Tghid illi x-*shampoo* jew *gel* kien imgezwer go borza tal-plastik bajda u hi taghtu lill-pulizija li kien fil-*gate*, wiehed ftit anzjan, skont hi, certu Fredu il-Ganga. Huwa staqsiha jekk tigix minnu u hi qaltlu li kienet it-tfajla tieghu, minghajr ma talabha dokument ta' identifikazzjoni u lanqas isimha. Regghet dahlet fil-vettura fejn kienet riekba ma' Tarek u telqet. Tghid ukoll illi x'hin waslu Ta' Kandja, Tarek nizel, fetah il-*luggage boot* u hareg il-borza bix-*shampoo,* taha l-flus u hi tat kollox lill-pulizija. Tghid illi peress illi kien hemm hafna ilma u tajn mal-art, il-pulizija qalilha biex toqghod attenta li ma tizloqx peress li kienet tqila u dan mexa bicca mill-kamra fejn kien hdejn il-vettura, hija harget bicca u ghaddietlu l-basket bix-*shampoo* u l-flus. Tghid illi lil Tarek Emad ratu l-ahhar darba dakinhar stess.

Fit-tieni stqarrija taghha tat-13 ta' Ottubru 2008[7], imbaghad, meta gie ssuggerit lilha illi ma kienx minnu li kien wassalha certu Tarek Emad gewwa Ta' Kandja, hija twiegeb "*diga' ghidtlek li nafu w ghidtlek x'jismu. Hu wassalni mija fil-mija ghax nafu*". Tghid illi ma tafx jekk dan Tarek kienx jiehu droga, izda sa fejn taf hi, ma kienx jiehu. Tghid ukoll illi qabel wassalha Ta' Kandja, kienet ilha ma tarah ghaliex hu qalilha li kien *wanted.* Tghid illi Nabil kien jabbuza mill-haxixa u mill-eroina. Tghid illi hija kienet ilha tabbuza mid-droga xi hames snin, izda l-ahhar li kienet abbuzat minnha kien xi tliet xhur qabel u li waqfet meta saret taf li kienet tqila. Kienet qeghda tiehu biss *methadone.* Tichad li kienet hi li poggiet l-eroina

[7] Esebita a fol. 30 tal-process.

fil-flixkun u li kienet taf li fl-istess flixkun kien hemm id-droga u tghid illi sa fejn taf hi, Tarek kien qed joqghod Bugibba ma' wahda mill-Belt, certa Steff jew Sera jekk ma kinitx zbaljata.

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Dennis Theuma jghid ukoll illi l-pulizija ppruvat tidentifika lill-imsemmi Tarek, "*imma ... qatt ma sibna effettivament li jezisti*"[8]. Jghid ukoll illi meta mitluba sabiex taghti izjed informazzjoni dwar din il-persuna, l-imputata ma setghetx tforni izjed dettalji dwar fejn kien joqghod, min hu ezattament u jekk kienx jahdem u stante li qaltilhom li kienu jriduh l-Ghassa tal-Belt, huwa mar maghha hemmhekk personalment, izda ma sab l-ebda referenza ghal dan Tarek. Jghid ukoll illi huwa tkellem ma' PC 334 Bondin li kkonferma li l-imputata kienet akkumpanjata minn xi hadd, li kien qed isuq vettura hamra meta marret gewwa Ta' Kandja, izda dan ma setax jaghtih dettalji dwar l-identita` tax-xufier, jekk kienx Malti jew barrani u lanqas seta' jaghti dettalji dwar il-vettura. Jghid ukoll illi ftit wara, Nabil Belkadi gie deportat minn Malta lejn pajjizu.[9]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputata rrilaxxjat zewg stqarrijiet f'Ottubru tas-sena 2008 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-imputata bil-jedd ghall-assisentenza legali qabel l-interrogatorju taghha, liema jedd dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Malcolm Said vs Avukat Generali et** fl-24 ta' Gunju 2016, fejn il-konvenuti appellaw minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, li laqghet it-talba tal-attur ghal rimedju talli, fost ohrajn, inkiser id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, meta ttehditlu stqarrija minghajr ma qabel thalla jkollu l-ghajnuna ta' avukat, l-istess Qorti qalet hekk:

"*17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat*[10] *u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma*

[8] A fol. 25 tal-process.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 24 sa 28 tal-process.
[10] Hawnhekk il-Qorti kienet qeghda tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, fit-8 ta' Ottubru 2012.

*għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta*[11] *mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.*

*19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech*[12] *fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.*

*20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, <u>fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fic-cirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.</u>*

*21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.*

*22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Ghalhekk jirrizulta car minn qari ta' din is-sentenza illi l-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet illi l-ksur isehh meta, fil-process kriminali, jsir uzu mill-istqarrija mehuda minghajr ma qabel jinghata l-jedd ghall-parir legali u dan fejn l-istess nuqqas ikollu konsegwenza ta' pregudizzju ghall-persuna akkuzata. Fil-fatt fil-kaz

[11] **<u>Mario Borg v Malta</u>**, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.
[12] **<u>Martin Dimech v Malta</u>**, Q.E.D.B., 2 ta' April 2015, rik. 34373/13.

citat, fl-istqarrija tieghu, l-attur kien ammetta l-htija tieghu. Fis-sentenza ta' Dimech li ghaliha tirreferi dik il-Qorti, inghad hekk:

"*47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, <u>where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status</u> (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*"[13] [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-kaz odjern u a bazi ta' dan ir-ragonament tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tqis illi m'ghandhiex tiskarta dik il-parti jew partijiet tal-istqarrijiet tal-imputata, mehuda lilha minghajr ma qabel inghatat il-jedd ghall-ghajnuna legali, in kwantu dawn jistghu jwasslu ghal nuqqas ta' sejbien ta' htija taghha. Il-Qorti tirrileva f'dan ir-rigward illi l-imputata qatt ma kkontestat l-istqarrijiet taghha f'dawn il-proceduri. Min-naha l-ohra, fid-dawl tal-insenjament hawn fuq riprodott, din il-Qorti ma tistax taghmel uzu mill-istqarrija tal-istess imputata tat-13 ta' Ottubru 2008 bhala prova tal-htija taghha (fir-rigward tat-tieni imputazzjoni), ghaliex altrimenti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat qabel l-istess stqarrija jsarraf fi pregudizzju lill-istess imputata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputata tinsab akkuzata bil-pussess aggravat tad-droga eroina. Jirrizulta car mill-provi prodotti illi nhar it-30 ta' Settembru 2008, l-imputata marret fic-Centru ta' Detenzjoni gewwa Ta' Kandja u hemmhekk halliet flixkun *body wash* tal-irgiel ma' ex-PC 334 Alfred Bondin, ghal certu Nabil Belkadi, f'liema flixkun instab qartas tal-plastik li kien jikkontjeni d-droga eroina.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs John Borg**</u> fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi*

[13] Martin Dimech v Malta, Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik. 34373/13.

*cirkustanzi, tammonta ghal* <u>pussess</u> *ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro</u>**, l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, u dan wara li l-Pulizija, waqt tfittxija li saret gewwa l-Kazin tal-Banda ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, f'kexxun f'kamra li tigi wara l-*bar*, sabu madwar ghaxart iqratas li kien fihom droga kokaina. Fis-sentenza taghha, l-istess Qorti qalet hekk:-

"*Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-<u>xjenza</u> li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha*

*l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-esistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija*".

Issa f'dan il-kaz, ghalkemm m'hemmx dubju illi l-imputata kienet ghal xi hin fil-pussess tal-flixkun li fih instabet id-droga eroina, tant illi kienet hi stess li ghaddietu lil ex PC 334 Alfred Bondin gewwa Ta' Kandja, biss il-Qorti ghandha dubju dwar kemm l-imputata kienet konsapevoli illi l-istess flixkun kien jikkontjeni d-droga eroina. Veru illi l-fatti kif spjegati minnha fl-istqarrija taghha u dan fis-sens illi certu Tarek Emad kien talabha sabiex tiehu l-flixkun u xi flus lil Nabil Belkadi gewwa Ta' Kandja, bl-iskuza li huwa ma setax jaghmel dan ghaliex kien imfittex mill-pulizija, jirriflettu livell ta' ingenwinita` fl-imputata, biss min-naha l-ohra l-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija minnha. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istess stqarrija, l-imputata ma qghaditx lura milli twiegeb ghad-domandi kollha li sarulha u spjegat pjuttost fid-dettal dak li kien wassal biex hija hadet il-flixkun in kwistjoni Ta' Kandja. Tinnota wkoll illi Tarek Emad ma tahiex biss il-flixkun, izda taha wkoll xi haga tal-flus ghal Belkadi. Huwa veru wkoll illi l-pulizija ma setghetx tidentifika lil dan Tarek Emad a bazi tal-informazzjoni li pprovdiet l-imputata dwaru, izda l-verzjoni taghha fis-sens illi twasslet gewwa Ta' Kandja minn ragel f'vettura tal-ghamla Skoda ta' kulur ahmar, giet korroborata minn ex PC 334 Bondin li, ghalkemm ma setax jidentifika min kien ix-xufier fil-vettura, ikkonferma li kien minnu li l-imputata kienet akkumpanjata minn individwu u li twasslet fil-post proprju f'din il-vettura. Irid jinghad ukoll illi lanqas ma jirrizulta car mill-provi prodotti x'kienu l-passi li hadet il-Pulizija Ezekuttiva sabiex tipprova tidentifika jew tirrintraccja lil dan Tarek Emad hlief, kif jghid l-Ispettur Dennis Theuma, illi huwa mar gewwa l-Ghassa tal-Belt flimkien mal-imputata sabiex jivverifika jekk Emad kienx *wanted*,

kif kienet qaltlu l-imputata u dan prezumibbilment a bazi ta' dak li kien qal lilha l-istess Emad, stante li fl-istqarrija taghha, hija tghid illi huwa qalilha li kien imfittex mill-pulizija.

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-imputata kellha dik ix-xjenza rikjesta mil-ligi illi fil-flixkun li hija ghaddiet lil ex PC 334 Alfred Bondin sabiex dan jinghata lil Nabil Belkadi, kien hemm id-droga eroina. Ghaldaqstant, tqis ukoll illi l-imputazzjoni (a) ma gietx ippruvata sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-imputazzjoni (b), imbaghad, l-imputata gie akkuzata wkoll bil-pussess semplici tad-droga eroina. Ghajr ghad-droga eroina li nstabet fil-flixkun in kwistjoni, ma jirrizultax illi l-imputata instabet fil-pussess ta' din id-droga u l-htija tal-imputata f'dan ir-rigward tista' tirrizulta biss mill-istqarrija rilaxxjata minnha fit-13 ta' Ottubru 2008. Kif inghad izjed 'il fuq, la darba l-imputata ma nghatatx id-dritt ghall-assistenza legali qabel irrilaxxjat din l-istqarrija, tali stqarrija ma tistax tintuza bhala prova tal-htija taghha. Ghaldaqstant, la darba skartata din il-prova u fin-nuqqas ta' provi ohra f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat